**ADPD - The Green Party**
P.O. Box 38, Marsa, MTP1001, Malta
51, Triq Isouard, Marsa, MRS2019, Malta

info@adpd.mt adpd.mt

# Dan l-Eżekuttiv mlaqqa' dalgħodu s-Sibt 15 ta' Mejju 2021

**Ħa nota** tal-inizjattiva ta' Marlene Farrugia bil-preżentazzjoni fil-Parlament iktar kmieni din il-ġimgħa ta' abbozz ta' liġi li jipproponi d-dekriminalizzazzjoni tal-abort f'pajjiżna,

**Osserva** li hemm riluttanza biex il-materja tkun diskussa fil-Parlament,

**Saret riflessjoni** dwar id-diskussjoni interna fil-Partit li issa ilha għaddejja żmien, **jirrisolvi** kif ġej:

1. L-abort m'għandux ikun normalizzat imma għandu jkun possibli f'ċirkustanzi eċċezzjonali;

2. Huwa xieraq li l-liġi Maltija tipprovdi għal abort f'ċirkustanzi straordinarji f'dawk il-każi fejn il-ħajja tal-mara tqila tkun fil-periklu, kif ukoll fil-każ ta' tqala sfurzata bi vjolenza (stupru u inċest), u fil-każ ta' tqala li strettament ma tkunx vijabbli;

3. L-ebda mara li tagħmel abort ma għandha tkun soġġetta għal-liġi kriminali, imma fejn ikun ipprokurat abort li mhux permess mill-liġi, min jamministrah jibqa' soġġett għal-liġi kriminali;

4. Hemm ħtieġa urġenti li ssir emfasi dejjem ikbar fuq l-edukazzjoni dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva, u dan biex insaħħu s-sens ta' responsabbiltà ta' kulħadd, partikolarment l-irġiel.

Din ir-riżolużżjoni qed tiġi approvata fi spirtu ta' djalogu li nixtiequ li jwassal għall-kunsens fis-soċjetà tagħna u għaldaqstant nagħmlu ruħna disponibbli biex nipparteċipaw flimkien ma' dawk li lesti jagħtu l-kontribut tagħhom biex il-pajjiż jasal għal soluzzjoni aċċettabbli.